KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**8 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 50**

**It-Tlieta, 14 ta' Ġunju, 2022**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa, fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa*, fil-17:30h.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsillier |
| Is-Sur | Joe Baldacchino | Kunsillier *(online)* |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Hadd

**UFFICJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Hadd

*Qabel ma' bdiet din is-seduta, sar il-ġurament tal-ħatra tas-Sur Johann Borg li ġie elett bħala Kunsillier f'isem il-Partit Nazzjonalista fl-elezzjoni każwali wara r-riżenja, tas-Sur Stanley Zammit fejn dan tal-aħħar ġie elett fil-Parlament fl-Elezzjoni Ġenerali ta' Marzu 2022.*

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Jordy Brincat, fetaħ din is-seduta u billi ntroduċa lill-Kunsillier Johann Borg, waqt li s-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsilliera preżenti ferħulu, u awgurawlu għall-kariga l-ġdida tiegħu bħala Kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa.

## 50.01 Qari tal-ittri t'Apoloġiji

**50.01.01** Il-Kunsillier Carlo Stivala bagħat e-*mail* sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-llum minħabba mpenji ta' safar marbut max-xogħol tiegħu. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera preżenti.

## 50.02 Approvazjoni tal-minuti (Seduta 49)

**50.02.01** Il-Viċi Sindku Josette Busutill irrimarkat fuq il-punt 49.14.01 fejn kella tiżdied il-kelma "*estimu*" mat-tieni sentenza u li tiġi taqra "It-total *estimu* ta' din l-attività, huwa ta' €2,929".

Wara din il-korrezzjoni, fuq proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana u sekondat mill-Kunsillier Joe Baldacchino, l-minuti ġew approvati unnanimament.

Is-Sindku Scott Camilleri rrimarka dwar l-*item* marbut mal-*Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv preċedenti. Wara l-aħħar seduta, hu mexa mad-deċiżjoni tal-maġġoranza tal-Kunsilliera u li hi ngħatat il-massimu maqbul.

## 50.03 Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet

**50.03.01** Hart tal-ġnien ta' fejn il-Kappella ta' San Ġorġ – Il-Ġnien mhux inkorporat fit-tender tal-ġonna. Kien hemm talba għal erba' kwotazzjonijiet u ġew provduti 3. Intgħażlet il-kwotazzjoni (A) għal prezz ta' €200 u li kienet l-irħas offerta.

**50.03.02** *Camping tents* – Jinħass il-bżonn li jinxtraw *camping tents*, li jkunu propjeta tal-Kunsill Lokali sabiex jintużaw għall-attivitajiet tal-Kunsill u kif ukoll tal-Għaqdiet tal-Lokal. Kien hemm talba għal tliet kwotazzjonijiet u intgħażlet il-kwotazzjoni (A) għal prezz ta' €159.99 u li kienet l-irħas offerta.

**50.03.03** Kiri ta' Tlett *mobile toilets* għall-attività tal-Imnarja – Din hi attività organizzata mill-Kunsill Lokali. Kien hemm talba għal erba' kwotazzjonijiet u ġew provduti tlieta. Intgħażlet il-kwotazzjoni (A) għall-prezz ta' €75 u li kienet l-irħas offerta.

**50.03.04** *Flexible bollards* – Kien hemm talba mis-CRPD għal *flexible bollards* fil-Bajja s-Sabiħa fejn kien hemm il-ħanut tal-*videos* biex il-karozzi ipparkjati ma jostakolawx il-bankina u hemm il-bżonn li jsiru oħrajn ħejn il-*barrier* tax-xatt. Alex Caruana ssuġġerixa

li fejn il-*barrier* jitwaħlu *bollards* solidi tal-metal. Ġie deċiż li għalissa jiġu ordnati biss ta' mal-bankina sa kemm jiġu diskussi dawk ta' fejn il-*barrier.* Kien hemm talba għal ħames kwotazzjonijiet u ġew provduti erbgħa. Intgħażlet il-kwotazzjoni (B) għal prezz ta' €44.84 kull waħda u li kienet l-irħas offerta.

**50.03.05** <u>*Coaches* għal attivita' tal-Imnarja</u> – Kien hemm talba għal ħames kwotazzjonijiet u intgħażlet il-kwotazzjoni (A) għall-prezz ta' €159.30 u li kienet l-irħas offerta.

**50.03.06** <u>Attività tal-Imnarja fil-Pjazza</u>:

- Għaqda Kumittiva Għawdex għall-prezz ta' €670.
- Ta' Verna Folk Band – kien hemm qbil li tipparteċipa 6 *piece band* għall-prezz ta' €700
- Servizz ta' preżentatur – Ġie magħżul l-irħas servizz dak (A) mill-lista tal-kwotazzjonijiet, għall-prezz ta' €100.
- Kiri ta' *PA system*, dwal għaż-żeffina u l-faċċata tal-knisja, ffilmjar, edittjar, koordinazzjoni ta' qabel l-attività, disinn tal-*logo*, *basic animation* u disinn tal-poster – ġiet magħżula l-irħas kwotazzjoni (C) ta' €5,047.
- It-total estimat ta' din l-attività, huwa ta' €7,433 u fih hemm inkluż il-*mobile toilets* u l-*coaches*.

**50.03.07** <u>Apparat tal-AED</u> – Is-Sindku Scott Camilleri informa li l-apparat tal-AED tax-Xatt ma nstabitx u hemm il-bżonn li tinxtara waħda ġdida li tiswa €1,480.50 u li bħalissa hemm skont ta' 10% fuqa. Hu ssuġerixxa li għandu jinxtara *cabinet* iktar b'saħħtu u li jiswa €495 u li jippreveni milli terġa tinsteraq. Il-Kunsillier Alex Caruana ssuġġerixxa li minflok fejn kienet l-oħra, titwaħħal fejn hemm ir-rampa u kull darba li l-*cabinet* jinfetaħ ikun hemm *camera* li tieħu il-filmat. Hu sostna wkoll li f'dan il-post diġa hemm il-wiring mgħoddi. Il-Kunsilliera preżenti approvaw din il-proposta.

**50.03.08** <u>*First Aid Kits*</u> – Is-Sindku Scott Camilleri ssuġerixxa li jinxtraw erba' *first aid kits* għall-prezz ta' €29.58c il-wieħed u fejn qed ningħataw skont ta' 20%. Dawn il-*first aid kits* jitpoġġew, tnejn fil-kaxxa tal-AED, waħda ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u waħda fil-*garage* tal-Kunsill Lokali.

**50.03.09** <u>*Bistro Tables*</u> – Kien hemm talba għal tlett kwotazzjonijiet u intgħazlet il-kwotazzjoni (C) għall-prezz ta' €682 u li kienet irħas offerta.

## 50.04 Skeda ta' Pagamenti u petty cash

**50.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri ta' aġġornament dwar il-laqgħa li saret bejnu, il-Kunsillier Alex Caruana u l-Perit Zammit Lewis. Minn din il-laqgħa ġew iċċarati tlett punti dwar għala kienu għadhom ma nbgħatux ix-xogħlijiet. Dawn huma l-*parking bays* ta' Triq it-Trunċieri, il-*build out* ta' Triq Sant' Anġlu u l-asfalt u l-*patching* ta' Misraħ il-Knisja. Jidher li x-xogħol issa ntbagħat u ssuġġerixxa li nipproċedu għal pagamenti.

**50.04.02** Il-Viċi Sindku Josette Busutill staqsiet rigward l-asterix (*) fil-ħlas numru 4. Is-Sindku Scott Camilleri spjega li kif ġie ssuġġerit fl-aħħar seduta kellha tibda ssir din l-asterix (*) bl-ispjega tagħha tkun aktar l-isfel.

**50.04.03** Il-Viċi Sindku Josette Busutill staqsiet dwar il-ħlas bin-numru 42, u s-Sindku Scott Camilleri spjega li dik hi ħlas hu marbut mal-awditjar ta' Grand Thornton.

**50.04.04** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa dwar il-ħlasijiet bin-numri 35 u 41. Is-Sindku Scott Camilleri spjega li din kienet rigward il-ħlasijiet tal-*fencing* tal-*playing field* tax-xatt. Il-Kunsillier Alex Caruana rrimarka li l-ġnien jismu Monsinjur Ġużeppi Minuti u mhux Profs. Anton Tabone.

Il-Kunsilliera preżenti qablu bi proponiment tal-Kunsilliera Maria Mifsud u sekondata mill-Kunsillier Alex Caruana.

Rigward il-*Petty Cash,* ma kienx hemm mistoqsijiet u l-Kunsilliera preżenti qablu bi proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil u sekondata mill-Kunsillier Joseph Farrugia.

## 50.05 Kommunikazzjoni tas-Sindku

**50.05.01** Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa, li minħabba li l-prezzijiet tal-affarijiet dejjem qed jiżdiedu t-threshold ta' €300 li kien approva l-Kunsill fix-xhur li għaddew titla' għal €400. Dan sabiex inkunu f'posizzjoni aħjar li jitħalsu l-ħlasijiet tad-*day-to-day running*, bħal affarijiet t'użu għal ġewwa l-uffiċċju, manutenzjoni ta' kuljum u affarjiet oħra, etċ. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan l-ammont.

**50.05.02** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar id-*Dog Friendly Beach* fejn ġie avviċinat mis-Segretarju Parlamentari Onor. Dr. Alichia Bugeja Said mis-Sezzjoni tal-MAFA. Dan sabiex jinfurmawħ li l-permess kien ħareġ, it-tabelli ġew ordnati min-naħa tagħhom ser tiġi inawgurata fl-Lulju li ġej. Id-*Dog Friendly Beach* ser ikun il-wisa' kollha tal-*parking area* ta' Wied il-Buni.

**50.05.03** Is-Sindku Scott Camilleri rringrazzja lill-Ministru l-Onor. Dr.Owen Bonnici fejn inxtrat medda kbira ta' art fl-inħawi ta' Borg in-Nadur u li ser tiġi protetta, ikkonservata u toffri post ta' rikreazzjoni lir-residenti tal-lokalità kif ukoll għan-nies minbarra l-lokalità. Irrimarka wkoll li hu tefa' t-talba għal-park li dan qiegħed ukoll fil-pjanijiet ta' Heritage Malta.

**50.05.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li għadu kif tlesta il-konkos ta' fejn il-club tal-Boċċi. Hu staqsa lil Il-Kunsillier Alex Caruana jekk hux ser isir ir-rampa għall-persuni bi bżonnijiet speċjali. Il-Kunsillier Caruana ikkomfermalu li kienet ser isir.

**50.05.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma wkoll li saru xogħolijiet ta' konkos meħtieġa ta' konkos fix-xatt ta' San Ġorġ - il-parti fejn sfrundar. Sar ukoll il-konkos u iċ-ċint tal-*Cat Cafe,* u ġew inawgurati r-refurbishing tal-latrini ta' San Ġorġ. Hu avża wkoll li bħal issa qed issir *refurbishing* tal-latrini ta' Wied il-Buni. Il-Kunsillier Alex Caruana u l-Kunsillier Maria Mifsud semmew ukoll li l-ilma qiegħed li ġewwa *Pretty Bay* biswit *restaurant* li

hemm quddiem din il-parti. Il-Kunsillier Caruana qal li qed jitkellem mal-Periti tal-*Public Works* sabiex tinstab soluzzjoni dwara.

**50.05.06** Is-Sindku Scott Camilleri Scott Camilleri fakkar li bagħat lil Kunsilliera kollha, l-ewwel *draft agreement* tal-*multi story car park* ta' Wied il-Buni u talab biex wara li jsir il-*briefing* mal-Malta Freeeport Corporation, jiġi diskuss f'waħda mis-seduti li ġejjin.

**50.05.07** Is-Sindku Scott Camilleri talab lil Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, sabiex nibagħatu għall-kwotazzjonijiet sabiex il-Kunsill ikollu persuna teknika li tkun tista' tmexxina u tassisti lill-Kunsill għal-istrutturrar tat-*tenders* li għandna pendenti. Hu staqsa lill-Kunsilliera minn minnhom kien interessat li jipparteċipa u jkun fil-bord tal-għazla tat-tenders. Il-Kunsilliera li ser jipparteċipaw fil-bord tal-għazla huma:

Is-Sindku Scott Camilleri, il-Viċi Sindku Josette Busuttil, il-Kunsilliera Alex Caruana, Maria Mifsud u Johann Borg. Is-Segretarju tal-Bord se jkun l-Aġent Segretarju is-Sur Jordy Brincat.

**50.05.08** Is-Sindku Scott Camilleri avża wkoll li ġie avviċinat minn żewġ residenti li joqgħodu fi Sqaq ir-Ranżija u talbu sabiex isiru xogħlijiet meħtieġa f'dan l-isqaq ukoll. Hu talab lil-Infrastructure Malta sabiex dan l-isqaq isir ukoll min-naħa tagħhom.

**50.05.09** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li għad trid isir il-Laqgħa Annwali li suppost li kienet saret f'April li għadda. Hu talab lil-Kunsilliera sabiex jipprovdu *write-up* u xi ritratti li saru matul din is-sena fid-dekasteri tagħhom. Is-Sindku se jkun qed jagħmel preżentazzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet bil-materjal provdut. Ġie deċiż li l-Laqgħa Annwali ser issir it-Tlieta 23 t'Awwissu 2022 fil-17:30h fis-Sala tal-iSkola Primarja.

**50.05.10** Is-Sindku Scott Camilleri avża li saret talba oħra ta' *loading/unloading parking space* fi *Pretty Bay*. Ġie deċiz li għandhom isiru żewġ *loading/unloading parking bays* biss kommunali għan-negozji kollha f'din iż-żona bil-ħinijiet stabbiliti.

**50.05.11** Is-Sindku Scott Camilleri qal li ġie avviċinat mil-foreman tal-Kunsill sabiex jiżdiedlu ftit l-*allowance* li kien ġie approvat żmien ilu. Wara li ġiet diskussa din il-materja, ġie deċiż li l-*allowanc*e jiżdiedlu b'50% oħra ta' dak l-*allowance* li għandu diġa.

**50.05.12** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar l-ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv. Hu reġa iċċekja mad-Diviżjoni fuq is-sejħa ta' din il-kariga u ressaq l-ilment tiegħu mad-Direttur Ġenerali tal-Kunsilli Lokali, s-Sur Natalino Attard. Hu ġie nfurmat li dan il-proċess s'issa għadu *on-hold* minħabba l-ftehim kollettiv għadu mhux konkluż. Hu żied jgħid, li qed jagħmel li jista' minn naħa tiegħu sabiex toħroġ sejħa għal Seġretarju Ezekuttiv full time, jew li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ikkomfermat bħala s-Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali.

## 50.06 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

Ma kienx hemm mozzjonijiet u rakkomandazzjonijiet.

## 50.07 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

Ma kienx hemm punti mressqa.

## 50.08 Proposti ta' *Pelican Lights* u dwal dekorattiv fil-lokalità

Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Alex Caruana biex jagħti spjegazzjoni dwar id-dwal dekorattivi li ser isiru mil-kuntrattur tal-iStreet Lighting.

**50.08.01** Proposta Dwal Dekorattiv fil-lokalità:

Il-Kunsillier Alex Caruana spjega l-postijiet ta' fejn ser isir dan id-dawl dekorattiv. Dawn huma:

14-il fanal ta' Bengħjsa, 8 fanali f'Misraħ San Ġorġ Preca u 4 fanali oħra għal Triq iż-Żebbuġ. Il-bozzoz ser ikunu *off white* imma li jagħtu dawl suffiċjenti biżżejjed. It-total ta' din l-ispiża għal dawn is-26 fanal ser tiswa €65,000.

- Misraħ Benagħjsa: Il-Kunsillier Alex Caruana spjega li ta' Mistraħ Benagħjsa diġa hemm il-pajpijiet tal-*conduit* tad-dawl mgħoddija bil-lest. Alex talab li sa kemm jaslu il-fanali, jilħqu jitlestew il-bażi tagħhom ta' fejn ser jiġu installati. Hu żied jgħid li dan ix-xogħol għandu jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill u li se tiġi provduta lilhom il-forma sabiex tkun tista ssir il-bażi tal-konkos. Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li għal dan il-proġett diġa hemm il-fondi approvati. Hu tenna, li biex il-proġett ta Bengħajsa ikun komplut, għandhom jitwaħlu set bankijiet.

- Misraħ San Ġorġ Preca u Triq Iż-Żebbuġ: Rigward Misraħ San Ġorġ Preca, il-Kunsillier Alex Caruana qal li hawn għad trid issir is-sistema ġdida tal-*wires* u ssuġġerixxa li jaħsbu wkoll għal aċċess ta' dawl għal żewġ *flood lights* għal fuq il-bust ta' San Ġorġ Preca. Il-Kunsillier Joe Farrugia staqsa kemm ser tkun għolja s-sodda tal-fanali u l-Kunsillier Alex Caruana irrisponda li għal kuntrarju ta' Mistraħ Benagħjsa, is-sodda tal-fanali se jsiru kollha taħt l-art. Il-Kunsillier Alex Caruana ssuġġerixxa li jsir ftehim man-Nexos sabiex ikun jista jagħmel l-ordni. Il-Kunsillier Caruana staqsa jekk hemmx post tajjeb fejn jiġu merfugħa dawn il-fanali meta jaslu u sakemm jitpoġġew f'posthom. Is-Sindku Scott Camilleri qal li dawn jistgħu jitpoġġew fil-maħżen tal-Papa.

Wara din id-diskussjoni, il-membri preżenti kollha tal-Kunsill, qablu ma' dan il-proġett tad-dawl dekorattiv li ser isir f'Misraħ Benagħjsa, Misraħ San Ġorġ Preca u Triq iż-Żebbuġ, b'vot unnanimu.

**50.08.02** Proposta ta' *Pelican Lights* fil-lokalità:

Is-Sindku Scott Camilleri semma li kellha issir *pelican light* ġdida ħdejn l-iskola u li hu, min-naħa tiegħu, issuġġerixxa u applika għall-erbgħa postijiet oħra. Dawn huma:

- waħda fi Triq Zaren Dalli ħdejn l-iskola,
- waħda fil-Pjazza tal-Knisja,
- waħda ix-Xatt quddiem il-BOV
- waħda fi Triq San Patrizju biex taqsam għal Wied Il-Buni.

Il-Viċi Sindku Josette Busuttil issuġġerit waħda għall-Qajjenza. Hawn ġie deċiż li ssir *belishia lights*. Il-Kunsilliera Maria Mifsud issuġġeriet waħda biswit il-pitch tal-waterpolo. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa waħda fi Triq Birżebbuġa ħdejn id-Dentist u l-Kunsillier Joseph Farrugia ssuġġerixxa waħda fi Triq Birżebbuga ħdejn ir-Ratal. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Alex Caruana sabiex jibda l-proċess sabiex issir applikazzjoni għal dawn it-talbiet.

**50.08.03** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar il-fustuni u qal li l-fustuni li twaħlu sa issa, kien diġa hemm provista ta' dawl fil-post u għal dawk li sejrin jiżdiedu, m'hemmx mainijiet għalihom.

**50.08.04** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li rigward il-fustun tal-Qajjenza, il-kaxxa tad-dawl kien sabha, imma hi skonnetjata u m'hemmx *meter* tal-dawl fiha. L-uffiċju beda l-proċess t'applikazzjoni temporanja biex tkun tista ssir applikazzjoni għal meter f'din il-kaxxa u li fl-opinjoni tiegħu għanda ssir għal *three phase.* Fl-istess waqt, ġie ssuġeriet li meta ssir *l-humped zebra crossing* li diġa hemm il-permessi tagħha, għandhom jgħaddu l-affarijiet neċessarji minn taħta sabiex minnhu jgħaddi *cable* tad-dawl biex ikun hemm aċċess għad-dawl fuq in-naħa tal-baħar. Wara tkun tista titneħħa il-kaxxa tad-dawl temporanja imsemmija iżjed 'l fuq li din tinsab ma propjetà tal-privat u tiġi mressqa biswit *l-humped zebra crossing* naħa tal-baħar.

**50.08.05** Dwar il-fustuni ta' San Ġorġ u Dawret il-Qalb Imqaddsa, il-Kunsillier Alex Caruana qal li kaxxi tal-main m'hemmx imma peress li dawn il-fanali huma bil-meter magħhom, hemm il-vantaġġ li minħabba li d-dawl dejjem qed jitħallas. Hu żied li hemm il-bżonn li il-Kuntrattur tad-dawl iwwaħħal tlett kaxxi tad-dawl li jieħdu d-dawl mil-fanali u l-konsum tal-fustuni jiżdied ma' dak tal-fanali. L-Agent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat irrimarka dwar li fis-seduti preċedenti kien hemm qbil li għal Milied ta' din is-sena jsir dawl tal-Milied in-naħa tal-Qajjenza u staqsa li jekk jkunx hemm saħħa ta' dawl biżżejed fil-kaxxa tad-dawl biex tlaħħaq mad-domanda tad-dawl. Il-Kunsillier Alex Caruana irrisponda fil-posittiv għal din ir-rimarka. Il-Kunsillier Joseph Farrugia staqsa jekk peress li l-lanterni ser ikunu dirett mal-art, l-ħmieġ tal-klieb tkunx ser taffetwahom. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li l-materjal ser ikun tal-fomdut u l-boldijiet ser ikunu mogħtijin. Il-Kunsillier Maria Mifsud staqsiet jekk il-wires tad-dawl ta' Dawret Il-Qalb Imqaddsa jifilhux għal dak l-ammont ta' kurrent u Il-Kunsillier Alex Caruana wieġeb li ma hemmx problema u l-problema hija fid-dawl tax-xatt. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li wara li jitlesta l-proġett tad-dawl dekorattiv, tittieħed azzjoni biex jiġi rranġat id-dawl tax-xatt. Il-Kunsillier Alex Caruana qabel mas-Sindku u fuq mistoqsija ta' Il-Kunsillier Maria Mifsud, qal li wara li jgħaddi s-Sajf, fix-xhur tax-xitwa, jibdew jinqalaw zona zona u jsiru arbli temporanji bil-*flood lights* sakemm tinbidel is-sistema kollha ta' taħt l-art tad-dawl tax-xatt. Ġie deċiż li kif ser tiġi rranġata s-sistema tad-dawl kollha, u li

jekk ikun hemm bżonn jgħaddu servizzi oħra jew jinbidlu għandhom issiru waqt l-istess proċess tax-xogħlijiet.

**50.08.06** Dwar il-ħsara fid-dawl tal-monument ta' Bush u Gorbacov, il-Kunsillier Alex Caruana qal li din ser tiġi rranġata.

**50.08.07** Dwar *il-flood lights* taz-zuntier tal-Knisja il-Kunsillier Alex Caruana qal li dawn il-*flood lights* waslu biex jitwaħħlu.

**50.08.08** Id-dawl ta' Triq Ferdinand Stufflesser Il-Kunsillier Alex Caruana qal li diġa twaħħlet waħda mil-*flood lights.* It-tnejn tat-truf se jkunu iżjed qawwija mit-tnejn li hemm fin-nofs tat-triq.

**50.08.09** Dwar id-dawl f'Wied Il-Buni, Il-Kunsillier Alex Caruana qal li fejn sar il-konkos matul il-gimgħa ta' qabel, kien hemm min talab li jsiru żewġ arbli bi *flood light* żgħira, imma peress li din iż-żona ser tinqala' dalwaqt, mhux lant li jsir fanal dekorattiv. Għaldaqstant, Il-Kunsillier Alex Caruana ħaseb biex jiġi mgħoddi *pipe* tal-*conduate* u staqsa jekk jaqblux li jsiru żewġ pajpijiet temporanji bil-*flood lights*. Il Kunsilliera preżenti qablu ma dan.

**50.08.10** Dwar il-ħsarat fid-dawl tal-ġnien ta' wara l-knisja, Il-Kunsillier Alex Caruana qal li d-dawl ta' dan il-ġnien għandu bżonn jinbidel għax kollu ttrippjat.

**50.08.11** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar il-punt li meta jkun hemm applikazzjoni biex tiġi kkunnettjata bozza ġdida. Hu qed iħoss li l-Enemalta mhux qed tikkoppera biżżejjed meta tiġi biex tqabbadom. Is-Sindku Scott Camilleri qal li fis-snin li għaddew saru bozzoz ġodda li l-Enemalta qed jgħidu li saru mingħajr il-formoli meħtieġa tal-STL. Il-Kunsill issa qed jieħu ħsieb li jirregolarizzhom waħda waħda. Hu informa wkoll li fit-22 ta' Ġunju 2022, ser ikun hemm laqgħa mal-Ministru għall-Enerġija l-Onor. Dr. Miriam Dalli u li tajjeb li dawn il-problemi jiġu diskussi.

**50.08.12** Il-Kunsillier Alex Caruana semma illi parti mil-fustuni għad-dawra tax-Xatt ta' Birżebbuġa inxtaw mingħand is-*supplier* li kellu l-orħos prezz u li huma ta' kwalità tajba. Issa biex jinxtara il-kumplament, kien ser ikun qed jinqabeż it-*threshold* tad-*direct order* mingħand dan is-*supplier*. Wara diskussjoni libera, l-Kunsilliera preżenti qablu li l-kumplament tal-fustun jinxtara mingħand dan is-*supplier*. Ikollna bżonn affarijiet oħra, rridu nġibu u nixtru mingħand supplier ieħor peress li jkun inqabeż threshold stabbilit.

## 50.09 Traffiku, Parkeġġ, Utilitajiet u Servizzi

**50.09.01** Il-Kunsillier Doriana Portelli qalet li seduti ilu kienet pproponiet li u l-Kunsill kien qabel magħha li Triq Santa Marija tiġi direzzjoni waħda. Il-Kunsillier Maria Mifsud qalet li Transport Malta kienu oġġezzjonaw minnħabba t-tumbata li kien hemm u li issa ma għadiex hemm. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Aġent Segretarju Jordy Brincat ikellem lil-foreman biex iddawwar Triq San Ġorġ u Triq Santa Marija u jagħmilhom *one way*, imma qabel hu se jkellem lill-Assistent Prinċipal sabiex jara saritx talba lil-Transport Malta.

**50.09.02** Il-Kunsillier Doriana Portelli qalet ukoll li kienet talbet sabiex isir *sleeping policeman* fil-Qajjenza. Is-Sindku Scott Camilleri irrisponda li fil-Qajjenza għanda ser issir *hamped zebra crossing*.

**50.09.03** Il-Viċi Sindku Josette Busutill staqsiet jekk f'Dawret Il-Qalb Imqaddsa, jistax isir xi ħaġa minbarra *zebra crossing*. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li ser ikellem lil-Transport Malta sabiex issiru *speed calming measure*.

**50.09.04** Il-Viċi Sindku Josette Busutill qalet li ġiet infurmata li fi Triq Alessandru inqelbu il-linji s-sofor. Is-Sindku Scott Camilleri wiegeb li tkellem mal-foreman biex jagħtih ir-raġuni għalfejn kienu inqelbu dawn il-linji s-sofor.

**50.09.05** Il-Viċi Sindku Josette Busutill staqsiet għalfejn ir-Reserved Parking għal użu tas-Seġretarju Ezekuttiv tneħħa minn quddiem il-binja tal-Kunsill. Is-Sindku Scott Camilleri wiegeb li dan ser isir mill-ġdid fil-ġranet li ġejjin.

**50.09.06** Il-Viċi Sindku Josette Busutill qalet li ila tisħaq rigward is-sinjali ta' Triq Il-Port Ħieles, ħdejn l-iskips u li baqgħu ma sarux. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li ser jieħu nota biex jiftakar ħalli jara li dawn isiru.

**50.09.07** Il-Kunsillier Alex Caruana semma il-proposta ta' Triq it-Trunċieri fejn il-*parking* kellu jinbidel u jiġi 30% mal-bankina. Hu żied jgħid li jekk isir il-*parking* bit 30% mal-bankina fejn hemm l-għelieqi, ser jiġu gwadanjati żewġ *parking spaces* biss. Hu tal-fehma li dan mhux *worth-it.* Is-Sindku Scott Camilleri qallu biex jagħmlu talba lill-*Lands Department* biex forsi nieħdu biċċa *area* oħra.

**50.09.08** Il-Kunsillier Alex Caruana kellu talba u staqsa jekk fi Triq Giligejla tistax issir tabella *"Access for Residents Only or to Render a Service".* Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Aġent Segretarju sabiex jieħu nota.

**50.09.09** Il-Kunsillier Alex Caruana semma il-problema li hemm ġo Triq it-Tankijiet fejn il-mod kif qiegħed il-*parking* bħalissa huwa perikoluż. Is-Sindku Scott Camilleri qal li kienet saret talba lil-Transport Malta u qatt ma rċievejna risposta lura. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li kien ser ikellem li Transport Malta fuq din it-triq.

**50.09.10** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar il-ftehim li kien sar fuq l-*area* tad-dgħajjes ta' quddiem Dun Alfred, fejn din l-*area* suppost li għas-sajf trid tkun cleared mid-dgħajjes. Is-Sindku Scott Camilleri qal li ser ikellem lis-Surġent tal-Pulizija biex jagħmlu l-karti tal-iżgumbrar. Il-Kunsillier Alex Caruana ssuġġerixxa li anki fix-xitwa dawn id-dgħajjes ma għandhomx jitħallew iżjed hemm. Is-Sindku Scott Camilleri informa li l-unika dgħajsa li fadal maġemb il-Ġnien ta' San Ġorg, hemm sekwestru mill-Qorti.

**50.09.11** Il-Kunsillier Maria Mifsud staqsiet kif kienu baqgħu fuq il-*bye-law* tal-*Caravans*. Is-Sindku Scott Camilleri qal li kien tressaq ilment minn naħa tal-Kunsill u li sa issa l-Kunsill għadu ma rċieva xejn lura.

## 50.10 Proġetti u Skemi

**50.10.01** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar ir-rampa ta'quddiem il-każin tal-Partit Laburista. Hu jinsab infurmat li x-xogħol fuq din ir-rampa suppost li għandu jinbeda mill-għada ta' din is-seduta.

**50.10.02** Il-Kunsillier Doriana Portelli qalet li xi żmien ilu qajmet il-punt dwar il-*food animal dispersers* li huma *ECO friendly feeding machines* għall-annimali *strays* u li kienu inbdew f'Għawdex imma Malta qatt għadhom saru. Hi zieded tgħid li tixtieq li tkun il-lokalità tagħna li tintroduċi din is-sistema ġewwa Malta. Is-Sindku Scott Camilleri qal li minflok ħarget l-iskema mil-MAFA, din ħarget mill-Ministeru għall-Għawdex u hu ssuġġerixxa li tintbgħat *e-mail* lill-Ministeru għall-Għawdex forsi jkollna kopja ta' din l-inizjattiva u tal-*procurement* u napplikaw għaliha aħna wkoll.

**50.10.03** Il-Kunsillier Doriana Portelli staqsiet jekk il-*cat feeders* hux ser jiġu provduti bl-ikel. Is-Sindku Scott Camilleri talaba biex tibgħat *e-mail* lil-MAFA rigward din l-iskema.

**50.10.04** Il-Kunsillier Doriana Portelli staqsiet dwar l-aħħar żvillupi marbuta mal-proposta tat-*Tennis Court*. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-Kunsillier Carlo Stivala kien qed jitkellem ma' Sports Malta u Parks Malta.

**50.10.05** Il-Kunsillier Doriana Portelli staqsiet dwar l-aħħar żvillupi marbuta mad-Dog Park. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li kien propost li jsir fil-Park ta' Bengħajsa u ġie informat biex napplikaw għal-DNO fuqha. Il-Kunsillier Maria Mifsud issuġġerit li d-Dog Park għandu jkun f'post iktar ċentrali.

**50.10.06** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li kien hemm talba minn individwi sabiex jinstab post għal ħasil taż-żwiemel fil-baħar. Konna iddeċidejna li kellha ssir tabella għaż-żmien tax-xitwa biex naraw x'ser jiġri u li din baqgħat ma saritx. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li peress li l-*peak* tas-*Sailing Club* hu fix-xitwa, u jkun hemm il-ħmieġ ta' dawn iż-żwiemel, tinħoloq problema. Il-Kunsillier Alex Caruana ssuġġerixxa li minflok Wied il-Buni jsir il-Qajjenza, imma il-Kunsilliera ma qablux ma' dan. Is-Sindku Scott Camilleri qal li għanda ssir talba lil-*Public Health* biex jidentifikaw fejn jista jsir il-ħasil taż-żwiemel fil-baħar.

**50.10.07** Is-Sindku Scott Camilleri talab lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jibda il-proċess ta' kwotazzjonijiet għan-nasses tal-ħammiem.

## 50.11 Indafa u Ambjent

**50.11.01** Il-Kunsillier Maria Mifsud qalet li xi ħadd offra *cameras* tac-CCTV għax-xatt ta' San Ġorġ biex ikunu jistaw jintużaw għal fuq il-pots. Il-Kunsillier Alex Caruana talab il-kuntatt tal-persuna ħalli jkun jista' jitkellem magħha.

**50.11.02** Il-Kunsillier Maria Mifsud staqsiet jekk hux possibli li jiġu ordnati tabelli *"Respect the Residents"* fi Triq ta' San Ġorġ minħabba li qed isir ħafna storbju.

**50.11.03** Il-Kunsillier Maria Mifsud issuġġerit biex jiġu ordnati tabelli biex jinġabar il-ħmieġ tal-klieb għal-Triq il-Merżuq u tlieta għal San Ġorġ.

**50.11.04** Il-Kunsillier Maria Mifsud qalet li kellha diversi talbiet biex fil-bajja ta' San Ġorġ, isir *platform* għal persuni bi bżonnijiet speċjali sabiex dawn ikollhom aċċess għal baħar. Hi staqsiet lil min tista' tkellem. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li tista tagħmel talba lil MTA u lil tal-*Cleansing Department*.

**50.11.05** Il-Kunsillier Maria Mifsud staqsiet lil Il-Kunsillier Alex Caruana jekk il-konok magħluqin tas-siġar fuq il-bankina fit-Triq ta' Bengħjsa int u dieħel għal Għar Hasan, hux ser jirranġawhom. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li s-siġar li hemm mhux ser jitneħħew u ser jiġu irranġati il-konok.

**50.11.06** Il-Kunsillier Maria Mifsud staqsiet jekk jistax isir xi ħaġa dwar ir-roti bil-mutur li jagħmlu ħafna ħsejjes. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li diġa saret talba dwar din il-problema għax kellhu laqgħa mal-Pulizija fil-jiem li għaddew.

**50.11.07** Il-Kunsillier Maria Mifsud staqsiet dwar il-ħadid tal-*promenade* ta' Dawret il-Qalb Imqaddsa. Il-Kunsillier Alex Caruana wieġeb li ser jitkellem fuqa.

**50.11.08** Il-Kunsillier Maria Mifsud irrimarkat fuq il-kurduna mkissra, is-siġar li għandhom bżonn żabra, u n-nuqqas ta' ħamrija fis-*central stip* ta' bejn Marsaxlokk u l-Qajjenza. Is-Sindku Scott Camilleri issuġġerixxa li għanda ssir talba ma' Trasport Malta biex jiġi irranġat il-*promenade* ta' bejn il-Qajjenza u it-Torri ta' San Luċjan.

**50.11.09** Il-Kunsillier Maria Mifsud irrimarkat li hemm ċint fi Triq l-Għerien li qed jaqgħa.

**50.11.10** Il-Kunsilliera Maria Mifsud flimkien ma' Joe Baldacchino issuġerew li jinġabru kwotazzjonijiet fuq il-boroż il-ħodor biex jibdew jinxtraw u jitqassmu lir-residenti. Is-Sindku Scott Camilleri qabel ma dan.

**50.11.11** Is-Sindku Scott Camilleri rrimarka fuq in-nuqqas ta' tbattil tal-bins fil-ġurnata tal-Hadd. Hu kellem lill-*contracts manager* tal-Kunsill, il-Perit Carmel Cacopardo biex jibda joħroġ id-*default notices* u jitnaqsu l-paġamenti dovuti.

**50.11.12** Il-Kunsillier Joseph Farrugia issuġġerixxa li fi Sqaq il-Fekruna, fil-Qajjenza titwaħħal *camera* minħabba li qed ikun hemm ħafna nies li jieħdu l-klieb tagħhom biex iħammġu u l-ħmieġ ma jinġabarx mis-sid. Il-Kunsillier Maria Mifsud issuġġeriet li titwaħħal tabella li min jinqabad ma jiġborx il-ħmieġ tal-kelb ser jiġi mħarrek.

**50.11.13** Il-Kunsillier Joseph Farrugia reġa fakkar dwar it-tħammil tal-foss ta' Wied il-Buni. Is-Sindku Scott Camilleri qal li ser issir laqgħa mal-Ministru l-ġdid fuq dan il-foss.

## 50.12 Attivitajiet

**50.12.01** Il-Viċi Sindku Josette Busutill spjegat dwar l-attività tal-Imnarja fil-Pjazza, li ser issir il-Hadd 26 ta' Ġunju. Se jintrama fuq iz-zuntier tal-Knisja bid-dwal, *sound*, tnax il-bankarella li bl-għajnuna tas-Sindku se jiġu provduti b'xejn, diversi *bistro tables* u servizz ta' *mobile toilets*. Hi spejgat li ser jintramaw il-bankarelli mad-dawra taz-zuntier u l-attività issir fiċ-ċentru. Se jkun hemm żfin tradizzjonali mil-Għaqda Kummittiva Għawdex

u sitt kantanti mill-Verna Folk Band. Ser ikun hemm ukoll compare sabiex tmexxi l-attività.

**50.12.02** Il-Viċi Sindku Josette Busutill qalet li ser ikun hemm ħarġa għar-residenti ġewwa lukanda f'Buġibba nhar l-24 ta' Ġunju.

**50.12.03** Il-Viċi Sindku Josette Busutill informat li qed tippjana sabiex torganizza BBQ għar-residenti.

**50.12.04** Il-Viċi Sindku Josette Busutill qalet li wara l-Imnarja fil-Pjazza, se tibda tippjana għal Jum Birżebbuġa li ser isir is-Sibt 10 ta' Settembru. Bħas-soltu se jinfetħu n-nominazzjonijiet u talbet lill-Kunsilliera preżenti li jekk għandhom xi ħadd li jistħoqlu rikonoxximent, għandhom iressqu l-proposta tagħhom. Kompliet tispjega li tkellmet mal-kuraturi kollha u għanda l-ħsieb li torganizza attività inkorporata mal-ftuħ ta' Borġ in-Nadur. Dakinhar se jkun mistieden il-pubbliku u forsi tiġi parti minn Jum Birżebbuġa.

**50.12.05** Is-Sindku Scott Camilleri qal li issa l-Festa ta' San Pietru waslet, hu bagħat stedina lill-għaqdiet tal-lokal u l-Kunsilliera għall-laqgħa sabiex tiġi diskussa l-loġistika tal-Festa. Din il-laqgħa ser issir fit-30 ta' Ġunju. Minħabba li dakinhar l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ma jistax jkun preżenti se jibgħat lil xi ħadd mill-impjegati sabiex jieħdu nota u jitkellmu dwar xi diffikultajiet li hemm. Il-Kunsillier Alex Caruana semma li m'hemmx għalfejn li biex il-baned taż-żewġ każini jgħaddu għal għaxar minuti mix-Xatt, dan jingħalaq tul il-gimgħa tal-festa kollha. Kull sena qed ikun hemm ikun hemm ħafna ilmenti mir-residenti dwar dan. Is-Sindku Scott Camilleri qal li ser jara sew l-affarijiet kollha relatati mal-attivitajiet li jkunu qed isiru fix-xatt matul il-ġimgħa tal-festa mbagħad jiddeċiedu minn hemm.

*Fit-19:45h, il-Kunsilliera Alex Caruana u Joseph Farrugia talbu sabiex jiġu skużati mil-laqgħa minħabba mpenji personali oħra.*

## 50.13 Kultura, Żgħażagħ u Sport

**50.13.01** Il-Viċi Sindku Josette Busutill issuġġerit li fl-*outdoor gym* għanda ssir waħda tal-aesthetics.

**50.13.02** Is-Sindku Scott Camilleri qal li fis-26 ta' Ġunju li ġej hemm il-finali tal-*beach soccer* li ser tiġi eżatt mal-attività tal-Imnarja fil-Pjazza.

**50.13.03** Il-Kunsillier Johann Borg qal li avviċċinawh persuni minn Ħal Kirkop għax xtaqu jagħmlu *training sessions* jew fuq ir-ramla jew fil-*ground* tal-*football*. Hu staqsa dwar il-proċess tiegħu. Is-Sindku Scott Camilleri qallu biex ikellem lill-Assistent Prinċipal tal-Kunsill li hi nkarigata mill-*ground* tal-*football* għal *booking*.

**50.13.04** Il-Viċi Sindku Josette Busutill ġibdet l-attenzjoni dwar il-paġna tal-facebook tal-Kunsill. Hi rrimarkat li qed ikun hemm ċertu *posts* marbuta mal-ħidma tal-Kunsill u li dawn qed joħorġu mill-Kunsilliera qabel jkunu jafu bihom il-Kunsilliera l-oħra. Hi ssuġeriet li l-ewwel post tinħareġ mill-paġna tal-Kunsill u wara ssir share tagħha. Is-

Sindku Scott Camilleri qal li ser jinkariga persuna mill-istaff tal-Kunsill sabiex il-Kunsilliera jiġu avżati mil-ewwel.

## 50.14 Affarijiet oħra

**50.14.01** Il-Kunsillier Joe Baldacchino issuġġerixxa li l-ferat tal-banek fil-lokalità titneħħilhom ir-*reserved parking bay* li hemm quddiem kull bank. Żied jgħid li mat-tabelli tal-Merħba *Signs* jitneħħa l-isem tal-bank ukoll peress li r-residenti ta' Birżebbuġa mhux qed jingħataw servizz mill-banek tal-lokal kif mixtieq. Is-Sindku Scott Camilleri qal li għandhom jinbidlu t-tabelli kollha tal-Merħba b'tabella oħra bil-kliem Merħba f'Birżebbuġa u l-motto ta' lokalità flimkien mal-arma tal-Kunsill. Rigward ir-*reserved parking* ta' quddiem kull bank, is-Sindku qal li mhux għaqli li dawn jitneħħew minħabba li dawn jintużaw sabiex jimlew l-ATMs bil-flus.

**50.14.02** Is-Sindku Scott Camilleri informa li ser issir laqgħa mas-Segretarju Permanenti tax-Xogħlijiet Pubbliċi u s-Segretarju Permanenti tal-Edukazzjoni u d-Dipartiment tas-Saħħa dwar il-Berġa. Hu qal li ser jinforma lil-Kunsilliera bid-data tal-laqgħa biex min ikun jista jkun preżenti.

## 50.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**50.15.01** Is-Seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:00h wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 11 ta' Lulju, 2022, fil-17:30h.

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |